# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 11 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Nru: 56/2017 CSH**

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Bergfeld Sonja Edith**

**Il-Qorti,**

Rat li s-socjeta' attrici pprezentat rikors nhar l-1 ta' Marzu 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimata thallasha s-somma ta' sitt elef, seba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€6,723.88) in kwantu ghal erba' mija u tnax-il Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€412.84) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40411721, mija u sitta u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmi (€126.79) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40142493, u sitt elef, mija u erbgha u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,184.25) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40412318.

Illi s-servizzi migbura fil-kontijiet bin-numri 40142493 u 40412318 gew ikkuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Limited, liema socjeta' giet b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015 amalgamata fis-socjeta' Go p.l.c.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2077/15 u bl-imghaxijiet legali sa mill-4 ta' Novembru, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-intimata li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta giet notifikata bir-rikors promotur permezz ta' affissjoni li saret mal-bieb tar-residenza taghha moghti fir-rikors promotur, fl-ghassa tal-Pulizija ta' Swieqi u fil-Kunsill Lokali ta' Swieqi nhar il-15 ta' Gunju, 2017 kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxall John Francica a fol. 20 tergo tal-process.

Rat illi l-konvenuta giet notifikata bir-rikors promotur permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-16 ta' Gunju 2016 kif jidher mill-estratt ipprezentat a fol 19.

Rat ukoll illi l-konvenuta giet notifikata permezz ta'avviz li deher fil-gazzetta lokali intitolata 'The Times' datata 28 ta' Settembru, 2017 kopja taghha a fol. 23.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2017 l-konvenuta ma dehritx sabiex twiegeb ghad-domandi attrici.

Semghet lix-xhud prodotta mis-socjeta attrici u cioe' Charmaine Psaila Raji tixhed fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2017 tghid li l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur u ikkonfermat li minn meta gie ipprezentat ir-rikors promotur, il-konvenuta ma ghamlet l-ebda pagament sabiex tnaqqas mid-debitu taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li tilqa' t-talba tas-socjeta' attrrici u tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef, seba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€6723.88) kif mitlub fl-istess rikors promotur.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2077/15 u bl-imghaxijiet legali sa mill-4 ta' Novembru, 2015 id-data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenuta.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**